

31992L0112

31.12.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 409/11

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/112/KEE
tal-15 ta' Diċembru 1992**

**dwar proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis
ikkawżat mill-iskart mill-industrija tat-titanium dioxide.**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 89/428/KEE tal-21 ta' Ġunju 1989 fuq proċeduri għall-armonizzar ta' programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis ikkawżat bl-iskart mill-industrija tat-titanium dioxide ⁽⁴⁾ kienet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju 1991 għar-raġuni li ma kelliex bażi legali xierqa ⁽⁵⁾;

Billi, jekk l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-imsemmija Direttiva, mhux meħtieġ għalihom li jadottaw miżuri ġodda biex ikonu konformi ma' din id-Direttiva, kemm-il darba l-miżuri ġa meħuda jikkonformaw ma' dawn ta' l-aħħar;

Billi l-vojt legali ikkawżat mill-annullament ta' l-imsemmija Direttiva jista' jkollu effetti ħżiena fuq l-ambjent u fuq il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-settur tal-produzzjoni tat-titanium dioxide; billi huwa meħtieġ li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni materjali maħluqa mill-imsemmija Direttiva;

⁽¹⁾ ĠU C 317, tas-7.12.1991, p. 5.

⁽²⁾ ĠU C 94, tat-13.4.1992, p. 158, u ĠU C 305, tat-23.11.1992.

⁽³⁾ ĠU C 98, tal-21.4.1992, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 201, ta' l-14.7.1989, p. 56.

⁽⁵⁾ Sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, Każ C-300/89, Il-Kummissjoni v. il-Kunsill (għadha mhix publikata).

Billi l-għan ta' din id-Direttiva huwa li jjarreb regoli nazzjonali relatati mal-kondizzjonijiet tal-produzzjoni tat-titanium dioxide biex ikunu mneħħija d-distorzjonijiet eżistenti ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti varji fl-industrija u biex ikun assigurat livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE ta' l-20 ta' Frar 1978 fuq l-iskart mill-industrija tat-titanium dioxide ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha, titlob li l-Istati Membri jfasslu programmi għat-tnaqqis progressiv u eliminazzjoni eventwali ta' tniġġis ikkawżat bl-iskart minn stabilimenti industrijali li kienu jeżistu fl-20 ta' Frar 1978;

Billi dawn il-programmi waqqfu miri ġenerali għat-tnaqqis ta' tniġġis ikkawżat minn skart likwidu, solidu u ta' gass li kellhom jintlaħqu sa l-1 ta' Lulju 1987; billi dawn il-programmi kellhom jiġu mogħtija lill-Kummissjoni biex tkun tista' tressaq proposti xierqa lill-Kunsill għall-armonizzazzjoni tagħhom fir-rigward tat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' dan it-tniġġis u t-titjib tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni fl-industrija tat-titanium dioxide;

Billi, biex ikun protett l-ambjent akkwatiku, rimi ta' skart u tfigħ ta' ċertu skart, b'mod partikolari skart ta' aċidu solidu u qawwi, għandu jkun ipprobit u rimi ta' skart ieħor, b'mod partikolari ta' aċidu dgħajef u skart newtralizzat għandu jkun bil-mod il-mod imnaqqas;

Billi stabilimenti industrijali eżistenti għandhom iħaddmu s-sistemi xierqa biex jittrattaw l-iskart biex jilhq u l-miri meħtieġa sad-dati ffissati;

Billi l-istallazzjoni ta' daww is-sistemi jistgħu jqajjmu diffikultajiet kbar tekniko-ekonomiċi fil-każ ta' skart aċidu dgħajef u skart newtralizzat minn ċerti stabiliment; billi l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu kapaċi jiddifferixxu t-tħaddim ta' dawn id-disposizzjonijiet, bil-kondizzjoni li l-programm ta' tnaqqis effettiv ta' tniġġis ikun imfassal u mogħti lill-Kummissjoni; billi fejn l-Istati Membri jġarrbu diffikultajiet simili, il-Kummissjoni għandha tkun tista' ttawwal il-limiti ta' żmien rilevanti;

⁽⁶⁾ ĠU L 54, tal-25.2.1978, p. 19; Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 83/29/KEE (ĠU L 32, tat-3.2.1983, p. 28).

Billi, fir-rigward tar-rimi ta' ċertu skart, l-Istati Membri jmisshom ikunu kapaċi jagħmlu użu minn għanijiet ta' kwalità b'tali mod li r-riżultati jkunu ekwivalenti f'kull rigward għal dawk miksuba permezz ta' valuri limiti; billi ekwivalenza simili għandha tintwera fi programm li għandu jkun mogħti lill-Kummissjoni;

Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) fejn jintuża l-proċess tas-sulphate:

— skart solidu għandu jfisser:

— fdalijiet ta' metall mhux maħdum insolubbli mhux imkisser bis-sulphuric acid matul il-proċess ta' manifattura,

— copperas, i. e. sulphate tal-ħadid kristallin ($F_eSO_4 \cdot 7H_2O$),

— skart ta' aċidu qawwi għandu jfisser:

— il-likuri omm li jirriżultaw mill-fażi ta' filtrazzjoni wara l-hydrolysis tas-soluzzjoni tat-titanyl sulphate. Jekk dawn il-likuri omm jkunu assoċjati ta' skart aċidu dgħajef li kollu f'salt ikun fih aktar minn 0,5 % sulphuric acid ħieles u diversi metalli tqal ⁽³⁾, il-likuri u l-iskart meħuda flimkien għandhom jittieħdu bħala skart aċidu qawwi,

— skart ta' trattament għandu jfisser:

— salts tal-filtrazzjoni, ħama u skart likwidu li jirriżulta mit-trattament (konċentrazzjoni jew newtralizzazzjoni) ta' skart aċidu qawwi u li jkun fih diversi metalli tqal, iżda ma jinkludix skart newtralizzat u iffiltrat jew imferra' bil-mod li jkun fih biss traċċi ta' metall tqil u li, qabel kull taħlit, ikollu valur ta' pH aktar minn 5,5,

— skart aċiduż ħafif ikun ifisser:

— ilma tal-ħasil, ilma li jkessaħ, kondensaturi u ħama ieħor u skart likwidi, barra minn dawk inklużi fid-definizzjonijiet ta' hawn fuq, li fihom 0,5 jew anqas ta' sulphuric acid ħieles,

— skart newtralizzat għandu jfisser:

— kull likwidu li għandu valur pH aktar minn 5,5, ikun fih biss traċċi ta' metall tqil, u jinkiseb direttament bil-filtrazzjoni jew billi jiġi mferra minn skart aċiduż qawwi jew ħafif wara t-trattament tiegħu biex titnaqqas l-aċidità tiegħu u l-kontenut ta' metall tqil,

— trab għandu jfisser:

— kull kwalità ta' trab minn impjanti ta' produzzjoni u b'mod partikolari trab tal-ħadid mhux maħdum u koloranti,

Billi, mingħajr preġudizzju għall-obbligi l-Istati Membri huma marbutin bihom permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 80/779/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 fuq il-valuri limiti tal-kwalità ta' l-arja u l-valuri ta' gwida għas-sulphur dioxide u particulates sospiżi ⁽¹⁾, u d-Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 fuq il-kumbattiment tat-tniġġis ta' l-arja minn impjanti industrijali ⁽²⁾, jaqbel li wieħed jipproteġi l-kwalità ta' l-arja billi jkunu f'fissati standards xierqa ta' emissjonijiet fir-rigward ta' ħruġ ta' materjal bil-gass mill-industrija tat-titanium dioxide;

Billi, biex tkun verifikata l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri, l-Istati Membri imisshom jagħmlu monitorjar fir-relazzjoni tal-produzzjoni attwali ta' kull stabbiliment;

Billi l-iskart kollu mill-industrija tat-titanium dioxide jmissu jkun evitat jew użat mill-ġdid fejn teknikament u ekonomikament ikun vijabbli u billi skart bħal dan imissu jkun użat mill-ġdid jew mormi mingħajr ma' jipperikola s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent,

Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jaffetwawx il-possibiltà ta' l-Istati Membri li jżommu jew jadottaw, fl-oqsma koperti mid-Direttiva, dispożizzjonijiet aktar stretti għall-protezzjoni ta' l-ambjent.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabilixxi, kif mitlub mill-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 78/176/KEE, proċeduri biex jarmonizzaw il-programmi għat-tnaqqis u eventwali eliminazzjoni ta' tniġġis minn stabbilimenti ta' industrija eżistenti u hija maħsuba biex ittejjeb il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-industrija tat-titanium dioxide.

⁽¹⁾ ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 30; Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 89/427/KEE (ĠU L 201, ta' l-14.7.1989, p. 53).

⁽²⁾ ĠU L 188, tas-16.7.1989, p. 20.

⁽³⁾ Skart aċiduż qawwi li ġie mħallat sakemm ikun fih 0,5 % jew anqas ta' sulphuric acid ħieles għandu wkoll ikun kopert b'din id-definizzjoni.

- SO_x għandha tfisser:
 - sulphur dioxide u trioxide f'forma ta' gass li joħroġ fi stadji varji tal-manifattura u proċessi ta' trattament ta' l-iskart intern, inklużi qtar żgħar ta' aċidu;
- (b) fejn il-proċess tal-klorin huwa wżat:
 - skart solidu għandu jfisser:
 - fdalijiet ta' ħadid insolubbli mhux imfarrak bil-klorin matul il-proċess tal-manifattura,
 - metal chlorides u metal hydroxides (sustanzi ta' filtrazzjoni), li jirriżultaw f'forma solida mill-manifattura tat-titanium tetrachloride,
 - fdalijiet ta' coke li jirriżulta mill-manifattura tat-titanium tetrachloride,
 - skart aċidu qawwi għandu jfisser:
 - skart li jkun fih aktar minn 0,5 % hydrochloric acid ħieles u varji metalli tqal ⁽¹⁾;
 - skart ta' trattament għandu jfisser:
 - salts tal-filtrazzjoni, ħama u skart likwidu li jirriżulta mit-trattament (konċentrazzjoni jew newtralizzazzjoni) ta' skart aċidu qawwi u li jkun fih diversi metalli tqal, iżda ma jinkludix skart newtralizzat u filterjat jew imferra' bil-mod li jkun fih biss traċċi ta' metall tqil, qabel kull taħlit, ikollu valur ta' pH aktar minn 5,5,
 - skart aċiduż ħafif għandu jfisser:
 - ilma tal-ħasil, ilma li jkessaħ, kondensaturi u ħama ieħor u skart likwidi, barra minn dawk inklużi fid-definizzjonijiet ta' hawn fuq, li fihom 0,5 jew anqas ta' hydrochloric acid,
 - skart newtralizzat għandu jfisser:
 - kull likwidu li għandu valur pH aktar minn 5,5, ikun fih biss traċċi ta' metall tqil, u jinkiseb direttament bil-filtrazzjoni jew billi jiġi mferra minn skart aċiduż qawwi għal wieħed ħafif wara t-trattament tiegħu biex titnaqqas l-aċidità tiegħu u l-kontenut ta' metall tqil,

- trab għandu jfisser:
 - kull kwalità ta' trab minn impjanti ta' produzzjoni u b'mod partikolari trab tal-ħadid mhux maħdum koloranti u trab tal-coke,
- klorin għandu jfisser:
 - klorin f'forma ta' gass li joħroġ fi stadji varji tal-proċess tal-manifattura;
- (c) fejn il-proċess tas-sulphate jew il-proċess tal-klorin huwa wżat:
 - dumping għandu jfisser:
 - kull tfiħ barra apposta ġo ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet tax-xtut interni, ilmijiet territorjali jew fil-baħar l barra ta' sustanzi u materjali minn vapuri jew ajruplani ⁽²⁾

2. It-termini definiti fid-Direttiva 78/176/KEE għandu jkollhom l-istess tifsira għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Id-dumping ta' kull skart solidu, skart aċiduż qawwi, skart ta' trattament, skart aċiduż ħafif, jew skart newtralizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun ipprojbit b'effett mill-15 ta' Ġunju 1993.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li rimi ta' skart ġo ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet tax-xtut interni, ilmijiet territorjali u l barra fil-baħar ikun ipprojbit:

- (a) fir-rigward ta' skart solidu, skart aċidu qawwi u skart ta' trattament minn stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tas-sulphate:
 - sal-15 ta' Ġunju 1993 fil-ilmijiet kollha msemmjia hawn fuq;
- (b) fir-rigward ta' skart solidu u skart aċiduż qawwi minn stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tal-klorin:
 - sal-15 ta' Ġunju 1993 fil-ilmijiet kollha msemmjia hawn fuq.

Artikolu 5

Fil-każ ta' Istati Membri li jkollhom diffikultajiet tekniċi u ekonimiċi serji biex jikkonformaw mad-dati ta' applikazzjoni msemmjia fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni tista' tikkonċedi estensjoni, kemm-il darba programm għat-tnaqqis effettiv ta' rimi ta' skart simili jkun mibgħut lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju 1993. Dak il-programm għandu jwassal għal projbizzjoni definittiva ta' rimi simili sat-30 ta' Ġunju 1993.

⁽¹⁾ Skart aċiduż qawwi li jkun ġie mħallat sakemm ikun fih 0,5 % jew anqas ta' sulphuric acid ħieles għandu wkoll ikun kopert b'din id-definizzjoni.

⁽²⁾ "Vapuri u ajruplani" għandha tfisser bastimenti li jżommu fil-wiċċ u ajruplani li jtiru ta' kull tip huma x'inhuma. Din l-espressjoni għandha tinkludi opra tal-baħar b'cushion ta' arja, sewwa jekk tmexxi lilha nfiha jew le, u pjattaformi fissi jew li jżommu fil-wiċċ.

Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tkun informata dwar każijiet simili u għandha tkun ikkonsultata fuqhom. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li r-rimi ta' skart ikun imnaqqas b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) minn stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tas-sulphate:

- skart aċiduż ħafif u skart newtralizzat għandhom ikunu mnaqqsa sal-31 ta' Diċembru 1993 fl-ilmijiet kollha sa valur ta' mhux aktar minn 800 kg ta' sulphate totali kull tonnollata ta' titanium dioxide prodotta (i. e. li jikkorrispondu għal SO₄ ions li jkunu jinsabu fis-sulphuric acid ħieles u fil-metallic sulphates);

(b) minn stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tal-kolorin:

- skart aċiduż ħafif, skart tat-trattament u skart newtralizzat għandhom ikunu mnaqqsa sal-15 ta' Ġunju 1993 fl-ilmijiet kollha għall-valuri li ġejjin ta' klorin totali għal kull tunellata ta' titanium dioxide prodotta (i.e. li jikkorrispondu għas-Cl ions li jkunu jinsabu fil-free hydrochloric acid u fil-metallic chlorides):

- 130 kg fejn jintuża r-rutile newtrali,
- 228 kg fejn jintuża r-rutile sintetiku,
- 450 kg fejn jintuża s-slag.

Fil-każ ta' stabbiliment li juża aktar minn tip wieħed jew mineral ta' ħadid, il-valuri għandhom japplikaw fi proporzjon tal-kwantità ta' dan il-mineral ta' ħadid użat

Artikolu 7

Minbarra fejn ilmijiet ta' wiċċ interni huma kkonċernati, l-Istati Membri jistgħu jiddifferixxu d-data tat-tħaddim imsemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 6 sal-31 ta' Diċembru 1994 l-aktar tard jekk diffikultajiet serji tekniko-ekonomiċi hekk jirrikjedu u kemm-il darba programm ta' tnaqqis effiċjenti ta' rimi ta' skart simili jkun mogħti lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ġunju 1993. Programm simili għandu jagħmilha possibbli li l-valur limiti li ġej għal kull tunellata ta' titanium dioxide prodott jintlaħaq sad-data li tidher:

- skart aċiduż ħafif u skart newtralizzat: 1 200 kg - 15 ta' Ġunju 1993,
- skart aċiduż ħafif u skart newtralizzat: 800 kg - 31 ta' Diċembru 1994.

Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva l-Kummissjoni għandha tkun informata dwar każi simili, li għandhom ikunu suġġetti ta' konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 8

1. Dwar il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu mill-għanijiet ta' kwalità flimkien ma' valuri limiti xierqa applikati b'tali mod li l-effetti f'termini ta' protezzjoni ta' l-ambjent u l-evitar ta' distorzjonijiet tal-kompetizzjoni ikunu ekwivalenti għal dawk tal-valuri limiti stipulati f'din id-Direttiva.

2. Jekk Stat Membru jagħżel li jagħmel użu mill-għanijiet ta' kwalità, huwa għandu jressaq lill-Kummissjoni programm ⁽¹⁾ li juri li l-miżuri jottjenu effett li, fit-termini ta' protezzjoni ta' l-ambjent u l-evitar tad-distorzjoni tal-kompetizzjoni, huma ekwivalenti għal dak tal-valuri limiti sad-data meta dawn il-valuri limiti jiġu applikati skond l-Artikolu 6.

Dan il-programm għandu jkun mogħti lill-Kummissjoni ta' l-anqas sitt xhur qabel ma l-Istat Membru jipproponi li japplika l-għanijiet ta' kwalità.

Dan il-programm għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 78/176/KEE.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li t-tfiġh fl-atmosfera jkun imnaqqas b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tas-sulphate:

(i) fir-rigward ta' trab, it-tfiġh għandu jitnaqqas sal-31 ta' Diċembru 1993 għal valur ta' mhux aktar minn 50 mg/nm³ ⁽²⁾ minn sorsi maġġuri u ta' mhux aktar minn 150 mg/nm³ ⁽²⁾ minn kull sors ieħor ⁽³⁾;

(ii) fir-rigward tas-SO_x, rimi ġej minn stadji ta' digestion u calcination fil-manifattura tat-titanium dioxide għandu jitnaqqas sal-1 ta' Jannar 1995 għal valur ta' mhux aktar minn 10 kg ta' l-ekwivalenti ta' SO₂ għal kull tunellata ta' titanium dioxide prodott;

⁽¹⁾ Informazzjoni simili għandha tkun provvduta skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva 78/176/KEE jew separatament jekk iċ-ċirkostanzi hekk jirrikjedu.

⁽²⁾ Metru kubu f'temperatura ta' 273 K u pressjoni ta' 101,3 kPa.

⁽³⁾ L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar dawk is-sorsi minuri mhux inklużi fil-qisien tagħhom.

- (iii) L-Istati Membri jkunu jeħtieġu meżżi li jkunu nstallati għall-prevenzjoni ta' l-emissjoni ta' qtar aċiduż;
 - (iv) impjanti għall-konċentrazzjoni ta' aċidu skart m'għandhomx jarmu aktar minn $500 \text{ mg/nm}^3 \text{ SO}_x$ kalkulati bħala ekwivalenti għal SO_2 ⁽¹⁾;
 - (v) impjanti għall-ħruq tas-salts li jirriżultaw mit-trattament ta' skart għandhom ikunu attrezzati bl-aħjar teknoloġija disponibbli li ma tinhtiegx spejjeż eċċessivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas- SO_x ;
- (b) fil-każ ta' stabbilimenti industrijali eżistenti li jużaw il-proċess tal-klorin:
- (i) fir-rigward ta' trab, it-tfiġh għandu jitnaqqas sal-15 ta' Ġunju 1993 għal valur ta' mhux aktar minn 50 mg/nm^3 ⁽²⁾ minn sorsi maġġuri u ta' mhux aktar minn 150 mg/nm^3 ⁽²⁾ minn kull sors ieħor ⁽³⁾;
 - (ii) fir-rigward tal-klorin, ir-rimi għandu jitnaqqas sal-15 ta' Ġunju 1993 għal medja ta' konċentrazzjoni ta' kuljum ta' mhux aktar minn 5 mg/nm^3 ⁽⁴⁾ u mhux aktar minn 40 mg/ng^3 fi kwalunkwe ħin.

2. Din id-Direttiva hija bla ħsara għad-Direttiva 80/779/KEE.

3. Il-proċedura għall-immonitorjar tal-miżuri riferenza għat-tfiġh ta' l- SO_x fl-atmosfera hija stipulata fl-Anness.

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-valuri u t-tnaqqis speċifikati fl-Artikoli 6, 8 u 9 fir-relazzjoni tal-produzzjoni attwali ta' kull stabbiliment.

Artikolu 11

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw li l-iskart kollu mill-industrija tat-titanium dioxide, u b'mod partikolari skart suġġett għall-projbizzjoni fuq rimi jew *dumping* fl-ilma jew fuq it-tfiġh fl-atmosfera huwa:

- evitat jew użat mill-ġdid fejn teknikament u ekonomikament vijabbli,
- użat mill-ġdid jew mormi mingħajr ma jippertikola s-saħħa tal-bniedem jew jagħmel ħsara lill-ambjent.

L-istess għandu jgħodd għall-iskart li jirriżulta mill-użu mill-ġdid jew trattament ta' l-iskart imsemmi hawn fuq.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri li għandhom ma ħadux il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva għandhom iġibuhom fis-seħħ mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 1993. Huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni minnufih dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva.

Meta l-Stati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom riferenza simili fl-okkazzjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal riferenza simili għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp regolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fil-15 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HOWARD

⁽¹⁾ Għal proċess ta' konċentrazzjoni ġdid l-Kummissjoni tista' taqbel ma' valur differenti jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu juru n-nuqqas ta' disponibbiltà tat-teknika biex jikseb dan l-istandard.

⁽²⁾ Metru kubu ftemperatura ta' 273 K u pressjoni ta' 101,3 kPa.

⁽³⁾ L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar daww is-sorsi minuri mhux inklużi fil-qisien tagħhom.

⁽⁴⁾ Huwa kkonsidrat li dawn il-valuri jikkorrispondu għal massimu ta' sitt grammi għal kull tunellata ta' titanium dioxide prodott.

L-ANNEX

Proċedura għall-immonitorjar tal-miżuri ta' riferenza għal emissjonijiet bil-gass tas-SO_x

Għall-iskopjiet tal-kalkolu tal-kwantitajiet ta' SO₂ u SO₃ u qtar aċiduż espress bħala ekwivalenti għal SO₂, mitfugħ minn stallazzjonijiet speċifiċi, għandu jittieħed f'konsiderazzjoni l-volum ta' gass mormi fuq iż-żmien li jieħdu operazzjonijiet speċifiċi fil-kwistjoni u l-medja tal-kontenut ta' SO₂/SO₃ imkejjel matul l-istess perjodu. Ir-rata ta' ħruġ ta' SO₂/SO₃ u l-kontenut għandhom ikunu stabili skond l-istess kondizzjonijiet ta' temperatura u umdità.
